MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Numru. 29/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Hussein Hamada, ta' 19-il sena, bin Ali u Ansaf Abd, imwieled l-Egittu, nhar il-20 ta' Ottubru, 1988 u residenti fil-fond numru Sydney, Flat 4, Triq ta' Cordina,**
**Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 25216(A)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Hussein Hamada li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bejn nhar it-13 ta' Frar 2008, u 22 ta' April, 2008, kiser il-kundizzjonijiet

tal-liberta provizorja imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D fit-28 ta' Awissu, 2007 fuq garanzija personali ta' Lm500.00 f'dan illi ma iffirmax diversi drabi meta kellu jaghmel dan darba fil-gimgha kontra il-limitazzjonijiet imposti f'dan id-digriet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi ***Hussein Hamada*** u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputat kiser kundizzjoni imposta fuqu fid-digriet tal-liberta' provvizorja billi naqas li jiffirma puntwalment kull gimgha gewwa l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex;

Il-Qorti madanakollu ma thossx illi tali ksur ta' kundizzjoni setghet b'xi mod tinterferixxi fil-kors tal-gustizzja u m'hijiex ta' konsegwenza serja;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 579 (1), 579 (2) u 579 (3) filwaqt li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah multa ta' mitt Euro (€100) izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula ma hijiex ser tornda illi s-somma ta' garanzija personali ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u ma hijiex ser tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imputat, izda tordna lill-imputat sabiex josserva skrupolozament il-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet tat-28 ta' Awissu, 2007 b'dan illi huwa ghandu jiffirma l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex, kull nhar ta' Sibt bejn it-

tmienja ta’ fil-ghodu (8:00a.m.) u t-tmienja ta’ fil-ghaxija (8:00p.m.).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------